FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 11 TA' JANNAR 2002

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO MAGRI
SPETTUR STEPHEN GATT
VS
CARMELO SIVE CHARLES MUGLIETT
RAYMOND MUGLIETT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmelo sive harles Mugliett ta' 36 sens bin Carmelo u Mary nee Gatt imwieled Pieta fit-13 ta' Lulju 1962 u li joqghod 18/2, Triq is-Sirena, l-Isla detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 457762M u Raymond Mugliett ta 32 sena bn Carmelo u Mary nee Gatt imwieled Mtarfa is-27 ta' Mejju 1966 u li joqghod 18/3, Triq is-Sirena, l-Isla detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 251266M talli mill-hanut bl-isem Solid Gold Jewellery sitwat fi Triq ix-Xatt, Sliema fl-20 ta' Dicembru 1998 ghal habta tat-3 ta' wara nofs inhar ikkommettew serq ta' diversi oggetti tad-deheb li l-valur globali taghhom jammonta ghal aktar min lf lira maltin (Lm1000) u li huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur, u liema serq sar ghad-detriment ta' Anthony Saliba minn Bugibba.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara fil-vetrina tal-hanut bl-isem Solid Gold Jewellery, liema hsara tammonta ghal aktar min ghaxar liri maltin (Lm10) imma mhux aktar minn hamsin lira maltin (Lm50) ghad-detriment ta' l-istess Anthony Saliba minn Bugibba.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-granet ta' wara din id-data xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta, jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Lil Carmelo sive Charles Mugliett wahdu, talli fil-Furjana fl-20 ta' Frar 1999 ghal habta ta' 11 ta' filghaxija ikkometta serq ta' karozza ta' l-ghamla Morris 1100 bin-numru tar-registrazzjoni GAF 175 liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta' Joseph Debono mill-Furjana.

Lil Carmelo sive Charles Mugliett wahdu talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Lil Carmelo sive Charles Mugliett u Raymond Mugliett talli saru ricedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija.

Rat il-verbal tal-14 ta' Frar 2001 fejn l-imputati ma sabux oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni b'mod specjali ghall-istqarrija ta' Charles Mugliett dok CM1 a fol 55 et seq, jirrizulta bla ebda dubbju dedatt mir-raguni illi l-imputat Mugliett wettaq is-serqiet skond l-akkuzi kif dedotti.

Illi dan qed jinghad il-ghaliex l-istqarrija tieghu hija ammisjoni piena tas-serqiet li huwa mixli bihom.

Illi ghar-rigward pero ta' l-imputat Raymond Mugliett dan l-imputat ghazel li ma jirrispondi ebda domanda li saritlu fl-istqarrija (ara dok CM3 a fol 59 et seq).

Illi ghaldaqstant il-Qorti in vista tal-ammissjoni kontenuta fl-istqarrija ta' Charles Mugliett sejra titfa l-attenzjoni taghha fuq il-provi illi ingabru kontra l-imputat Raymond Mugliett.

Illi skond ix-xhieda ta' Spettur Stephen Gatt (fol 41 et seq) jirrizulta illi l-pulizija ircevew rapport min Solid Gold Jewellers, The Strand Sliema illi kienet sehhet serqa fid-data citata fic-citazzjoni.

Dan il-hanut illi huwa ta' Anthony Saliba huwa gestit wkoll mit-tifla tieghu. Din ta''l-ahhar infurmat lill-pulizija illi klijenta taghha infurmata illi wahda mill-vetrini fuq barra kienet miftughha u li minnhom irrizulta wara illi insterqu tlett trays li kienu jikkontjenu pendenti, gizirajjen u brazzuletti u oggetti ohra tad-deheb.

Illi irid jinghad illi fil-fatt dan il-hanut huwa mghammar b'video camera illi fih dehru zewgt irgiel iharsu lejn il-vetrina, wiehed jiftah il-vetrina, hatfu it-tlett trays u telqu jigru.

Illi mix-xhieda ta' Spettur Magri (fol 49 et seq) ikkonferma ix-xhieda ta' Spettur Stephen Gatt u stqarr illi kien gie mghoddi lilu il-video koncernat u li minnu kien ha xi frames tal-hallelin.

Illi mill-investigazzjonijiet li saru irrizulta illi dawn kienu l-imputati.

Spettur Magri ikkonferma illi Charles Mugliett mill-ewwel ikkonfessa l-involviment tieghu. Illi in oltre informa lill-Qorti illi kien gie investigat wkoll fuq serqa ta' karozza nru GAF 175 illi ghaliha Charles Mugliett ammetta wkoll.

Spettur Magri ikkonferma wkoll illi Raymond Mugliett ghazel illi ma jirrispondix u ma jiffirmax l-istqarrija. Qal wkoll illi f'kors ta' investigazzjoni ohra Spettur Magri beda jinvestiga lil Raymond Mugliett fil-presenza ta' Spettur Micallef u urieh xi "still frames" mill-video illi gie mehud waqt is-serqa ta' Solid Gold Jewellers u li Raymond Mugliett ma ridtx ikellem ikellem lil spettur Magri fuq dawn l-affarijiet.

Jirrizulta pero mix-xhieda a fol 67 et seq ta' Spettur David Saliba, illi waqt li dan l-ispettur kien qed jinvestiga liz-zewg imputati fuq sensiela ta' reati serji u fil-presenza tal-Kummisarju John Rizzo, gew sollevati ic-cirkostanzi tas-serqa min Solid Gold Jewellers.

Spettur Saliba stqarr illi il-Kummissarju kien uriehom zewg ritratti. Charles Mugliett mill-ewwel tbissem u ammetta verbalment u ghar-rigward tal-imputat Raymond Mugliett dana kien verbalmet ammetta illi hu u huh Charles Mugliett kienu responsabbli ghal din is-serqa (ara fol 69 para 3).

Mix-xhieda ta' Anthony Saliba (fol 82 et seq), sid il-hanut Solid Gold, ikkonferma illi l-hanut tieghu insteraq fid-data, lok u hin citat u li dan il-hanut kien mghammar b'security camera u li fil-fatt huwa kien ra dan il-video u dehru zewg min-nies qed iwettqu din is-serqa, wiehed itwal mill-iehor. Ikkonferma li il-valur tal-oggetti misruqa kien jammonta ghal Lm1335.

Claire Saliba (fol 85 et seq) ikkonferma illi kienet hi fil-hanut Solid Gold meta saret is-serqa u a fol 87 gharfet lill-imputati bhala dawk iz-zewg persuni illi dehru fuq il-video camera iwettqu is-serqa mill-hanut taghha.

Illi in oltre hemm ix-xhieda tal-Kummissarju John Rizzo (fol 117-119) li wkoll ikkonferma  illi Raymond Mugliett kien assuma ir-responsabilita' tas-serqa.

Illi a fol 124 Spettur Martin Bayliss ghamel il-prova tar-ricediva fil-konfront ta' Charles Mugliett.

Ghal rigward ta' Raymond Mugliett pero  jidher illi sentenzi illi jikoncernaw lilu kienu il-fuq min hames snin ilu u peress illi ma jikkoncernawx termini ta' prigunerija oltre il-hames snin, ma hemmx lok ta' ricediva.

Ikkunsidrat:-

Illi mil-provi skjaccanti ta' dan il-process kif fuq spjegati, din il-Qorti mghandha ebda dubbju bl-involviment ta' l-imputat Raymond Mugliett fis-serqa ta' Solid Gold Jewellers.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat Charles Mugliett hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba u s-sitt akkuza, waqt li issib lil Raymond Mugliett hati tal-ewwel u it-tieni akkuza u wara li rat Art 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 325, 28A tal-kap 9, tikkundanna lil Charles Mugliett

ghal tmintax il-xahar prigunerija u lil Raymond Mugliett ghal tlettax il-xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.

In oltre il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni ir-relazzjoni tal-Psikologu Dr Victor Shields (ara dok VS), u in vista tac-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz, il-Qorti tirrakomanda lill-awtoritajiet tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin illi l-imputat Charles Mugliett jibda programm ta’ riabilitazzjoni kontra d-droga mal-agenziji relattivi waqt illi jkun qed jiskonta din is-sentenza.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.